MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 9/2007/1

**Thomas John Mansfield**

**v.**

**Maria Concetta sive Marlene Mansfield**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta:

> "… … … li l-partijiet izzewgu fit-8 ta' Mejju 1983, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, David Ian ta' 22 sena u Simon Rhys ta' 20 sena; li z-zwieg bejn il-partijet tkisser irrevokabilment u l-hajja konjugali m' ghadhiex aktar possibbli minhabba mohqrija psikologika, eccessi u ingurji gravi da parti tal-konvenuta fil-konfront tieghu, u rrizulta f'inkompatibilita` ta' karattru; li l-attur ottjena l-awtorizzazzjoni skont il-ligi sabiex iressaq l-istanza odjerna; ghalhekk l-attur qed jitlob li din il-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba mohqrija psikologika, eccessi u ingurji gravi mwettqa mill-konvenuta fuq l-attur u minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment; [2]ixxolji u tillikwida il-komunjoni ta' l-akkwisti tal-partijiet u taqsam l-istess ugwalment bejn it-tnejn; [3] tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-effetti ta' l-Artikoli 48 u 50 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; [4] tordna lill-konvenuta sabiex taghti l-oggetti kollha parafernali li jappartjenu lill-attur u li huma fil-pussess tal-konvenuta lura lill-attur; [5] tordna l-pubblikazzjoni tad-divizjoni tal-assi matrimonjali, tinnomina Nutar biex jaghmel tali pubblikazzjoni u occorrendo tinnomina kuraturi biex jirraprezentaw lill-konvenuta eventwali f'kaz ta' kontumacja; bl-ispejjez kontra l-konvenuta, ingunta minn issa stess ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata li permezz taghha il-konvenuta eccepiet:

> "… … … li taqbel li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni izda t-tort tat-tkisser taz-zwieg jirrisjedi esklussivament fuq l-attur li rrenda ruhhu hati versu l-konvenuta ta' adulterju, eccessi, sevizzi, minaccji u ingurji gravi u ta' abbandun tad-dar konjugali; taqbel max-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni, izda l-attur ghandu jitlef il-jedd ghal nofs l-akkwisti li saru bi hlas u l-hidma tal-konvenuta; topponi ghar-raba' talba; il-hames talba mhux opposta; il-konvenuta m'ghandhiex tbaghati l-ispejjez;"

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta li permezz taghha talbet illi:

“1. Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli lir-rikorrent rikonvenut fosthom adulterju, eccessi, sevizzi, minaccji u ingurji gravi u ta’ abbandun tad-dar konjugali;

“2. Tikkundanna lir-rikorrent rikonvenut ihallas lill-intimata martu dik ir-retta alimentarja li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa skont il-bzonnijiet tal-attrici u l-mezzi ta’ zewgha liema retta alimentarja tkun pagabbli fil-jum u hin li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa;

“3. Ixxolji u tittermina l-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet prevja n-nomina ta’ periti nominandi sabiex jistmaw il-proprjeta` mobbli u immobbli formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, tillikwida l-assi ezistenti fl-istess kommunjoni tal-akkwisti f’zewg partijiet mhux neccessarjament ugwali b’mod li r-rikorrent rikonvenut jitlef kull jedd li ghandu ghal nofs l-akkwisti li saru l-aktar bi hlas u hidma tar-rikorrenti;

“4. Tillikwida l-assi u krediti parafernali tal-intimata u tassenjahom lill-istess intimata;

“5. Tawtorizza lill-intimata sabiex tabita fid-dar matrimonjali, ‘Ambleside’, Triq San Gwann l-Evangelista, Bahar ic-Caghaq ad eskluzjoni ta’ zewgha;

“6. Tapplika kontra r-rikorrent rikonvenut is-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili;

“Bl-ispejjez kontra r-rikorrent rikonvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-attur li tghid hekk:

"Illi bosta mit-talbiet tal-konvenuta inteimata ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt:

"1. Illi l-esponenti jaqbel li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti b'dan pero` li jigi dikjarat li z-zwieg tal-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli htija tal-attrici senjament minhabba mohqrija psikologika, eccessi u ingurji gravi kommessi mill-intiimata fil-konfront tal-esponenti.

"2. Illi l-esponenti jopponi li huwa ghandu jigi kkundannat ihallas manteniment ghal martu stante li hija tilfet id-dritt taghha ghall-manteniment hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-klawza; u stante li wara l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, hija ser ikollha mezzi aktar milli sufficjenti biex tmantni lilh nnifisha.

"3. L-esponenti jaqbel li l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi xjolta, likwidata u diviza, b'dan pero` li ghandhom jigu appl;ikati kontra l-attrici s-sanzjonijiet kontemplati fil-Ligi; u inoltre l-esponenti certament m'ghandu jitlef l-ebda jeddijiet fuq sehemu mill-komunjoni tal-akkwisti stante li fi kwalunkwe kaz dawn saru bi hlas u hidma tal-esponenti u mhux tal-intimata.

"4. L-esponenti jopponi li l-intimata ghandha tigi awtorizzata tibqa' tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzzjoni tal-esponenti, stante li m'hemm l-ebda bazi legali ghal dan.

"5. M'ghandhomx japplikaw kontra l-esponenti s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 u 51 tal-Kodici Civili stante li ma kienx hu l-kawza tat-tifrik taz-zwieg, izda l-intimata.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.""

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fil-25 ta' Ottubru 2013 li permezz taghha l-Qorti iddecidiet illi:

"Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

"[1] tilqa' l-ewwel limitatament talba fis-sens li tirreferi ghas-sezzjoni ntestata "Divorzju" u ghalhekk tiddikjara z-zwieg xolt u tattribwixxi t-tort tat-tifriek taz-zwieg primarjament lill-attur minhabba adulterju kommess minnu u sekondarjament lill-konvenuta minhabba sevizzi kommessi fuq l-attur;

"[2] tilqa' t-tieni talba u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti, tillikwidaha u tassenja fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';

"[3] tilqa' t-tielet talba limitatament u tapplika kontra l-attur l-effetti tad-dispozijonijiet ta' l-Artikoli 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"[4] tilqa' r-raba' fit-termini u kif fuq stabbilit u orndat fis-sezzjoni ntestata "Assi Parafernali";

"[5] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba;

"Tiddeciedi dwar il-kontro-talba billi:

"[1] tilqa' l-ewwel limitatament talba fis-sens gja fuq deciz;

"[2] tichad it-tieni talba;

"[3] tilqa' t-tielet talba fis-sens gja fuq deciz';

“[4] tilqa’ r-raba’ fit-termini u kif fuq stabbilit u orndat fis-sezzjoni ntestata “Assi Parafernali”;

“[5] tilqa’ limitatament il-hames talba fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata “Proprjeta`` Immobbli”;

“[6] tilqa’ s-sitt talba u tapplika kontra l-attur l-effetti tad-dispozijonijiet ta’ l-Artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“L-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal kwart [1/4] mill-konvenuta u tlett kwarti [3/4] mill-attur.”

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet;

“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment tort tal-konvenuta fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

“Minn naha taghha l-konvenuta tattribwixxi t-tort tal-firda esklussivament lill-attur, u permezz ta’ kontro-talba, tghid li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba r-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 ta’ l-imsemmi Kap. imputabbli lill-attur.

“**Separazzjoni Personali**

“Illi l-partijiet izzewgu fit-8 ta’ Mejju 1983, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, David Ian u Simon Rhys, li llum huma maggorenni.

"*Verzjoni Attur*

"L-attur jghid li huwa 7 snin izghar mill-konvenuta, wara li kellhom t-tieni tarbija, l-konvenuta ma riditx aktar tfal u hu qabel izda jilmenta li kien hemm anke problemi fil-hajja intimat taghhom bhala koppja minhabba l-fatt li l-konvenuta ma baqghetx wisq interessata f'dak l-aspett dan anke minhabba l-fatt li wara t-tqala l-att sesswali kien ta' ugieh ghaliha izda qatt ma marret ghand tabib sabiex issolvi l-problema. Huwa jghid ukoll li l-konvenuta kienet tghir hafna ghalih u dejjem tissuspetta li huwa mhux fidiel lejha tant li kienet ticcekja kollox u ccempel numri, anke ta' kollegi tieghu, li ssib fuq il-mobile ta' l-attur. Dan sar jafu l-attur meta kienu marru jghidulu b'dan certu nies li l-konvenuta kienet cemplet. L-ghira tal-konvenuta u l-argumenti relatati ma' dan tant kemm kellhom effett psikologiku hazin fuq l-attur li huwa jghid li anqas kien irid imur lura d-dar meta kien jasal iz-zmien li jirritorna, peress li huwa kien jahdem fuq *oil rig* u ghalhekk kien jahdem barra. L-attur jghid li s-sitwazzjoni kienet tant gravi li fis-sena 2000 kien gie misjub li jbati minn *Acute Medical Anxiety* u nghata parir sabiex ma jergax jirritorna Malta, izda wara xi zmien, kontra l-parir li nghata huwa xorta rega' Malta fejn kien jirrisjedi f'lukanda. Huwa jsostni li gie ordnat jiehu valium u anti-dipressanti ohra filwaqt li kellem lil Fr. Martin u Dr. Joseph Saliba u rega' rritorna lura d-dar. L-attur issostni li l-konvenuta ma baqghetx tattendi ghas-sessjonijiet ghand il-psikjatra u ghalhekk ma setghax ikompli jghinhom, izda jghid li l-incidenti fejn il-konvenuta kienet takkuzah saru aktar vjolenti u darba sahhansitra taghtu daqqa waqt li kien qieghed isuq. Huwa jghid li ghamel xi tlett rapporti l-ghassa izda l-incidenti kienu aktar minn hekk. L-attur jghid ukoll li gieli kellem lil Fr. Hilary Tagliaferro meta kien imur fil-Millenium Chapel.

"L-attur jghid li huwa kien beda jidhol f'*chatrooms* fejn il-konversazzjonijiet kienu jkunu fil-bicca l-kbira dwar problemi ta' zwieg izda xi ftit minnhom hadu wkoll xejra sesswali izda dawn qatt ma gew attwati fil-hajja reali baqghu dejjem virtwali, kien ihossu li dawn kienu jtuh soljev mis-sitwazzjoni tieghu, "*there had been no sexual relation [nor any other form of relation] between Marlene and me for three years prior to the de facto separation, thus I felt somewhat frustrated. These cyber friendships helped me without resorting to adultery*"[1]. L-attur issostni li "*it was this almost constant psychological assault and excessively controlling attitude that eventually drove me to leave*[2]".

[1] Vol. 1, fols 92 u 93 tal-process.
[2] Vol. 1, fol 93 tal-process.

"*Verzjoni Konvenuta*

"Il-konvenuta tghid li l-attur kellu numru ta' relazzjonijiet ma' nisa ohra, dan tafu minhabba l-fatt li hija kienet irceviet ittra minn mara li l-attur kien qieghed jiffrekwenta fil-Brazil meta kien jghix hemmhekk u meta hija kkonfrontatu huwa ammetta wkoll li kellu relazzjoni ohra fit-tul ma' mara ohra Ingliza li jisimha Julia u dan qalu wkoll lil Fr Hilary. Hija tghid li kien ikollu infezzjonijiet hu ukoll barra li kien ikollha hi u li kien ghaddielha STDs f'numru ta'okkazzjonijiet. Il-konvenuta tghid li hija xorta wahda ppruvat li dan iz-zwieg ikompli izda wara sabet xi chats ma' mara America fejn il-konvenut ivvita seminar tax-xoghol sabiex imur izur lil din il-mara barra li kien idum iljieli fuq il-komputer u fuq it-telefon. Il-konvenut ssostni li l-attur huwa ffissat bin-nisa, nefaq hafna flus fuq telefonati anke ta' natura sesswali, semghet konversazzjoni li huwa kellu fejn irrakkonta dwar iz-zjara tieghu fl-Amerika, kienet issib fieha, microphones u ritratti ta' nisa mistohbija fil-gwardarobba jew fil-bwiet tal-hwejjeg tieghu. Gieli ma kienx jirritorna u ma kinitx tkun taf fejn qieghed. Il-konvenuta taghti lista ta' nisa li maghhom hija ssostni li kellu relazzjoni.[3]

"Il-konvenuta ssostni li l-attur dejjem kellu problemi fuq ix-xoghol u anke tkecca minn xoghol minnhom. Kellu stress fuq ix-xoghol u problemi mal-kollegi tieghu u l-boss ukoll, hija tghid li dejjem kien ibati minn ansjeta u hekk ghadu. Il-konvenuta tghid ukoll li ma kellhiex problemi mal-familja tieghu ghalkemm tghid ukoll li ghandhom problema ta' xorb u darba minnhom meta kienet ghand huh "*we had to leave in the middle of the night as his brother was beating his wife and also broke a door*"[4], izda dejjem kellha pjacir bihom anke meta kienu jhallu l-hsara.

"Il-konvenuta tghid li l-attur gej minn familja mkissra u kienet hi li ssuggerit li jkellem lil Fr. Bruno minhabba li kien depressed, hija tiddeskrivi lill-attur bhala "*has a dual personality, very calm and gentle on the outside but gets very aggressive, like the rest of his family, when he is caught out in something. He is excellent in writing and convincing people... he lies a lot and still does to this day even with our sons*"[5]. Hija tghid li l-attur kien abbuziv verbalment maghha u anke kien hemm incident fejn wara li saret taf li kien qieghed jiehu xi flus minn kont bankarju li kellhom fl-Ingilterra "*we had an argument and he assalted me. I had bruises on all my arms, broke the winder of my watch and*

[3] Vol. 2, fol. 328 u 329 tal-process.
[4] Vol. 2, fol. 320 tal-process.
[5] Ibid.

*even broke a spade that I was holding at the time*"[6]. Il-konvenuta ssemmi incidenti ohra fejn l-attur kien fisikament vjolenti "*once in garage he got hold of my neck and damaged my necklace...an arguement near Millennium chapel and started hitting me... threw me between the sofas... when i caught him on the phone in the middle of the night. He threw me on the bed and smashed his mobile...*"[7].

"*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

"Illi jidher mill-provi prodotti li hemm evidenza sufficjenti sabiex l-adulterju kommess mill-attur gie ppruvat, dan jirrizulta mill-affidavit ta' l-attur stess fejn b'ammissjoni tieghu jghid li kien jikkommunika virtwalment ma' nisa ohra li kellhom anke sfond sesswali, mill-emails lill-attur minn nisa ohra li gew ipprezentati fl-atti u mix-xhieda tal-psikjatra kuranti ta' l-istess attur u cjoe Dr. Joseph Saliba fejn qal "*linked to an episode of infidelity, thirteen years previously...an internet relationship two years previously...my records made reference to Mr Mansfield having had brief affairs*"[8]. Dr. Saliba kien ra lill-attur minn Lulju 2000 u ghalhekk jidher li l-adulterju ta' l-attur beda 13-il sena qabel u cjoe 1987.

"Illi ghalkemm kien hemm xi rapporti li l-partijiet ghamlu fl-Ghassa tal-Pulizija dawn qatt ma riedu jmexxu fuqhom u jistghu jigu attribwiti aktar ghall-animosita` u l-inkwiet li s-separazzjoni kienet qed iggib milli xi komportament regolari u abbitwali ta' parti fuq l-ohra.

"Illi ghandu jinghad li mhux car jekk il-komportament sevizzjuz tal-konvenuta kienx reazzjoni taghha ghall-adulterju ta' l-attur izda dan il-komportament jidher li kien wiehed ta' ossessjoni u fissazzjoni esagerata sa tali punt li rrenda l-hajja ta' l-attur verament inssopportabbli. Mix-xhieda prodotta jidher li l-konvenuta kienet iccempel numri li kienet issib fuq il-*mobile* ta' l-attur sabiex tara jekk kienx qed ikollu relazzjonijiet extra konjugali ma' dawn in-nies. Dan l-agir da parti tal-konvenuta kien ta' severita` tant li l-attur waqa' f'dipressjoni li effetwa x-xoghol tieghu u kellu jiehu medikazzjoni minhabba f'hekk.

---

[6] Vol. 2, fol. 325 tal-process.
[7] Vol. 2, fol. 328 tal-process.
[8] Vol. 3, fols 664, 665 u 666 tal-process.

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m' ghadhiex aktar possibbli, u z-zwieg tkisser irrevokabbilment, tort primarjament ta' l-attur minhabba r-relazzjonijiet adulteri li huwa kellu u b'mod sekondarju tal-konvenuta minhabba s-sevizzi li hija wettqet fil-konfront ta' zewgha. Ghalhekk jikkonfigura fil-konfront ta' l-attur l-adulterju fit-termini ta' l-artikolu 38, mentri fil-konfront tal-konvenuta jikkonfiguraw s-sevizzi fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Dan il-komportament abbuziv da parti ta' l-attur ghandu jattira l-applikazzjoni fl-intier tieghu ta' l-artikolu 48 u 51 tal-Kap.16, u dan b' effett mill-1 ta' Lulju 1987.

"**Divorzju**

"Wara li rat ir-rikors pprezentat mill-attur datat 4 t'Ottubru 2011; ir-risposta guramentata tal-konvenuta datata 1 ta' Novembru 2011; l-affidavit ta' l-attur; u l-verbal maghmul fl-udjenza tat-30 ta' Mejju 2012 fejn il-partijiet infurmaw lill-Qorti li l-unika pendenza li hemm fir-rigward tal-konverzjoni hija dwar il-garazija miltub mill-konvenuta dwar il-pagamenti tal-manteniment; u wara li l-Qorti qieset li l-konvenuta ghandha u ser ikollha mezzi sufficjenti kemm mill-qasma tal-Kommunjoni ta' l-Akkwisti kif ukoll mill-eredita tal-genituri taghha; tilqa' t-talba ghall-konverzjoni tat-talba minn wahda ta' separazzjoni personali ghal wahda ta' divorzju, stante li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Art. 66B tal-Kap 16 jinsabu sodisfacentement provati, u tordna d-debita korrezzjoni fir-rikors guramentat u fil-kontro-talba

"**Manteniment**

"Illi z-zewg ulied tal-partijiet huma llum maggjorenni ghalhekk l-ebda manteniment m'ghandu japplika f'dan ir-rigward.

"Fir-rigward tal-partijiet, hekk kif diga` imsemmi aktar `il fuq, l-attur iddekada mid-dritt li jitlob u jircievi manteniment minghand il-konvenuta, filwaqt li l-konvenuta jirrizulta li ghandha mezzi sufficjenti sabiex tmantni lilha nnifisha u dan jidher mhux biss mis-sehem taghha wara x-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-

komunjoni ta’ l-akkwisti izda wkoll mill-wirt li hija rciviet wara l-mewt tal-genituri taghha.

“**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**

“Illi l-Qorti qed tannetti mal-gudizzju odjern kopja tal-pagni 86 sa 98 tar-relazzjoni peritali sabiex jifformaw parti mill-gudizzju odjern, salv ghal dak li ser jinghad aktar ‘il quddiem [Appendici C]

“Kontijiet Bankarji

“F’dan ir-rigward il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijet maghmula, u mal-konkluzjoni segwenti raggjunta mill-perit legali

“Fin-Noti Guramentati taghhom, il-partijiet qablu li d-depoziti fil-kontijiet bankarji kollha intesti f’isem il-partijeit ghadhom jigu divizi ugwalment bejniethom.

> “Mill-atti effettivament jirrizulta tberbieq konsiderevoli mid-depoziti fil-kontijiet bankarji da parti ta’ l-attur[9], pero l-konvenuta fil-kors tas-seduta mizmuma quddiem l-esponenti nhar it-12 ta’ Mejju 2009, ammettiet illi wara illi l-attur telaq mid-dar matrimonjali, hija wkoll kienet zbankat is-somma t’a Lm6,000 mill-kontijiet tal-partijiet. Il-konvenuta tallega illi hija wzat tali fondi sabiex setghet taghmel xogholijiet ta’ manutenzjoni fid-dar matrimonjali, pero` hija qatt ma pproduciet ir-ricevuti relattivi f’dan ir-rigward u ghalhekk l-esponenti hija ta’ l-umli fehma illi ma ngabet l-ebda prova dwar kif effettivament intefqu dawn il-fondi – illi kwindi ghandhom jigu meqjusa bhala appropjati indebitament mill-konvenuta – l-istess bhal ma zewgha berbaq ammonti sostanzjali kif ga nghad. Fil-fatt, galadarba jdher illi z-zewg partijiet ghamlu zbankar konsiderevoli mill-kontijiet bankarji taghhom matul is-snin, l-esponenti ma tarax ghaliex dawn ghandhom jittiehdu in kunsiderazzjoni fil-konfront ta’ xi parti jew ohra ghall-finijiet ta’ divizjoni ta’ l-assi bejn il-partijiet.

[9] F’dan ir-rigward ara Dok. MM9(i) sa Dok. MM9 (LVII), Dok. MM11, Dok. MM13, Dok.MM19(i) sa Dok. MM19 (vii).

> "In kwantu ghall-Accumulator Funds bin-numri 101AA0007473501 u 101AB0010856501, jidher illi dawn diga gew trasferiti favur ulied il-partijiet bi ftehim bejn l-istess partijiet, u ghalhekk l-mhux il-kaz li din il-Qorti tipprovdi mod iehor fir-rigward"[10].

"Investimenti

"Mill-provi jirrizulta illi l-unici investiment illi l-partijiet ghandhom jikkonsistu f'erba' mitt sehem ma' Rolls Royce p.l.c. Fil-kors tas-seduta mizmuma quddiem l-esponenti nhar il-25 ta' Gunju 2007, il-partijiet qablu illi dawn ghandhom jinqasmu ugwalment bejniethom[11].

"Vetturi

"Il-Qorti taghmel referenza ghal pagna 88[12] tar-rapport tal-Perit Legali taht it-titolu ta' "*Il-Vetturi*" u tadottah fl-intier tieghu.

"Proprjeta`` Immobbli

"Illi jirrizulta mill-atti li hemm zewg proprjeta`jiet:

> "Ambleside", Triq San Gwann l-Evangelista, Porzjunkola, Bahar ic-Caghaq li mill-atti ma jirrizultax li hemm qbil fuq il-valur ta' dan il-fond, jew li gie stamat minn espert nominat mill-Qortu u;
>
> 5, Vigu Court, Point Street, Zebbug Ghawdex, stmat .€90,000;

"Il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghar-rapport peritali minn pagna 88 sa 94, tordna li l-villa li tinsab f'Bahar ic-Caghaq tigi stmata mill-Perit Mario Cassar nominat minn din il-Qorti bhala espert ghal dan il-ghan, a spejjez ugwali taz-zewg partijiet, sakemm il-partijiet ma jiftehmux fuq valur konkordat dwar dan il-fond; tordna li dawn il-proprjeta`jiet jinbieghu fis-suq hieles fi zmien sena mill-llum, ghal prezz mhux inferjuri ghal dak fuq indikat in kwantu ghall-appartament f' Ghawdex, u dak konkkordat bejn il-partijiet jew stmat mill-

[10] Vol. VI, fols. 1622 u 1623.
[11] Vol. VI, fol. 1623.
[12] Vol. VI, fol. 1624.

espert tal-Qorti in kwantu ghall-villa; u jekk dawn il-proprjeta`jiet jew liema minnhom ma jinbieghux, f'dak il-kaz il-partijiet jew min minnhom ikollhom id-dritt li jirrikorru ghall-proceduri tas-subbasta skont il-ligi Mir-rikavat tal-bejgh il-konvenuta ghandha tircievi s-somma ta' €7,000 rapprezentanti l-pagamaneti li hija ghamlet u li huma derivati mill-wirt taghha; ir-rimanenti rikavat ghandu jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

"Inoltre, il-Qorti tordna li ghal dan il-perijodu ta' sena l-konvenuta hija awtorizzata tghix fid-dar matrimonjali f'Bahar ic-Caghaq ad eskluzzjoni ta' l-attur.

"Effetti Mobbli

"Il-Qorti taghmel referenza ghal pagni minn 94 sa 98[13] tar-rapport tal-Perit Legali taht it-titolu ta' "*L-effetti mobbli*" u tadottahom fl-intier taghhom salv ghar-referenza f'pagna 96 fejn m'ghandux ikun hemm l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 48(b) u 51 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-konvenuta. Ghalhekk l-oggetti li nghataw lill-konvenuta mill-attur waqt iz-zwieg bhala rigal ghandhom jigu assenjati lilha. [Appendici D]

"Assi Parafernali

"Il-Qorti taghmel referenza ghal pagni minn 105 sa 107[14] tar-rapport tal-Perit Legali taht it-titolu ta' "*ASSI PARAFERNALI*" u tadottahom fl-intier tieghu [Appendici E]."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tbiddel is-sentenza imsemmija billi tilqa' l-aggravji taghha limitatament ghat talba taghha ghall-manteniment;

[13] Vol. VI, fols. 1630 – 1634.
[14] Vol. VI, fols. 1641 -1643.

Rat ir-risposta tal-attur li permezz tieghu fil-waqt li oppona ghat-talbiet tal-appellata intavola appell incidentali li permezz tieghu talab li tigi varjata s-sentenza imsemmija fis-sens li jigu applikati l-effetti tal-Artikoli 48 u 51 tal Kodici Civili fil-konfront tal-konvenuta u li tordna lill-konvenuta tirrifondilu l-ammonti minnu mhallsa akkont tas self gravanti l-komunjoni tal-akkwisti mid-data tas-separazzjoni 'de facto' bl-ispejjez kollha a kariku tal-konvenuta; u li l-kumplament tas-sentenza tigi konfermata.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Gunju 2013 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati trattaw l-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

**L-AGGRAVJU TAL-APPELLANTI**

Illi ghalkemm l-appellanta principali qed titlob ukoll it-thassir tas-sentenza in kwistjoni, fil-verita` hija qed titlob li tigi varjata biss il-parti fejn giet michuda t-talba taghha ghall-manteniment.

L-ewwel Qorti iddecidiet li tichad it-talba ghall-manteniment ghaliex *ghandha mezzi sufficjenti biex tmanti lilha innifisha u dan jidher mhux biss mis-sehem taghha wara x-xoljiment u l-likwidazzjoi tal-komunjoni tal-akkwisti izda ukoll mill-wirt li hija irceviet wara l-mewt tal-genituri taghha*.

Kif stqarret din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Catherine Mifsud v. Louis Mifsud** (deciza fil-25 ta' Ottubru 2013);

> "*Il-manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta' min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta* ***hemm il-bzonn*** *(L-Artiklu 20.1 tal-Kodici Civili jghid li l-mantement ikun dovut skond* ***il-bzonn*** *ta' min qed jitolbu).*"

Ghalhekk min jitlob il-hlas ta' manteniment irid jipprova dan il-bzonn**.** F'dan il-kaz l-ewwel Qorti kif inghad, dehrilha li b'rizultat tal-istess qasma tal-komunjoni tal-akkwisti, il-konvenuta kellha bizzejjed mezzi biex tmanti lilha innfisha u allura ma kienx hemm lok li takkordalha manteniment.

L-argument imressaq mill-appellanti fil-fatt mhuwiex li hija ma ghandhiex mezzi ‘per se’ izda li l-mezzi li ghandha jikkonsistu f’beni immobiljari u allura qed targumenta ma ghandhiex bizzejjed kontanti (‘*liquid cash’*) biex tghix.

Skont is-sentenza in kwistjoni l-konvenuta giet assenjata proprjeta`` immobbli li wahda minnhom – id-dar matrimonjali – tiswa aktar minn miljun u nofs euros – addirittura hemm stima ta’ zewg miljuni – dejjem skont l-istimi disponibbli ghall-Qorti.  Ghalhekk il-bejgh eventwali taghha se jrendilha bejn seba’ mitt elf euro u miljun euro.  Naturalment stima ma tfissirx necessarjament li se jkun hemm id-dhul skont l-istess stima izda huwa indikazzjoni cara tal-ammonti li l-partijiet jistghu jistennew li jippercepixxu.

Barra minn dan l-appellanti wirtet ukoll proprjeta` li tiswa aktar minn mitt elf euro – skont l-attur tiswa d doppju.  Ghalhekk ma hemmx kwistjoni li bhala proprjeta`, hemm bizzejjed mezzi biex bir-rikavat minn din il-proprjeta` l-appellanti jkollha biex tmanti lilha innifisha.  L-appellat ghandu wkoll ragun jilmenta li kien hemm aktar minn opportunita` wahda biex tinbiegh il-proprjeta` u dan ma sarx minhabba dik li jidher kienet intransigenza tal-appellanti.

Madankollu huwa wkoll minnu li wara li tinbiegh id-dar matrimonjali l-konvenuta se jkollha tixtri proprjeta` ohra fejn tghix, u ghalkemm huwa car

ghall Qorti illi xorta se jibqalha bizzejjed biex tghix decentement, indubbjament se jkun hemm perjodu fejn hija se jkollha diffikultajiet fir-rigward ghaliex jirrizulta li bhala dhul ghandha biss circa 160 euro fix-xahar bhala pensjoni. Ghalhekk il-Qorti se tordna l-hlas tal-manteniment **izda ghal perjodu ta’ sena** u dan biex qabel jew immedjatament wara dak il-perjodu l-proprjeta` tkun tista’ tinbiegh. Fil-fatt skont is-sentenza appellata hija ghandha dritt tghix ghal sena f’dik il-proprjeta`.

Bhala ammont pero` il-Qorti wara li fliet il-process u d-digrieti li nghataw fir-rigward tal-manteniment, jidrilha li f’dan l-istadju, hlas ta’ tlett mija u hamsin euro fix xahar ghall-perjodu imsemmi ikun gust fic-cirkostanzi u dan in vista tal-fatt li l-ahhar digriet tal-Qorti tal-Familja ghall-manteniment ‘pendente lite’ kien fl-ammont ta’ €699 fix xahar.

**L-AGGRAVJI TAL-ATTUR FL-APPELL INCIDENTALI**

L-appellant ippropona appell incidentali fejn jirregistra zewg aggravji.

**L-ewwel aggravju** huwa li skont l-appellat, il-Qorti kellha tippronunzja ruhha u tapplika l-effetti tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili fil-konfront tal-appellanti.

Dan l-Artikolu 48 jghidu hekk;

“**48.** (*1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*

*“(a)il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*

*“(b)dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b’donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*

“(*ċ) kull jedd ta’ parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta’ waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b’kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*

“*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f’kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*”

**L-Artikolu 51** imbaghad jaghti lill-Qorti d-diskrezzjoni li tapplika dan l-Artikolu f’kaz li s-separazzjoni tinghata minhabba raguni msemmija fl-Artikolu 40 (eccessi, theddid, sevizzi u ingurji gravi).

L-Artikoli 38 u 41 imsemmija f’dan l-Artikolu 48 jsemmu adulterju u abbandun rispettivament. L-Artikolu 40 imbaghad kif inghad jirreferi ghall-addebiti l-ohra gia` imsemmija li jwasslu ghas-separazzjoni.

Fil-kawza fl-ismijiet **Edward Degaetano v. Joanna Degaetano** (deciza fit-28 ta' Gunju 2013) din il-Qorti qalet hekk f'dan ir-rigward;

> "*Ghalhekk din il-Qorti jidrilha li l-attrici appellanti ghandha ragun tilmenta dwar dan u ma hemm ebda raguni legali ghaliex ghandha tiddekadi mid-drittijiet imsemmija fl-artiklu 48 ghaliex la jirrizulta li hija ikkomettiet adulterju u lanqas li kappricozament abbandunat lill-konvenut jew lil familja*."

Dan ir-ragunament japplika wkoll ghal din il-kawza u din il-Qorti jidrilha li l-ewwel Qorti ghamlet sew li ma applikatx l-Artikoli msemmija. Dik il-Qorti kellha d-diskrezzjoni taghmel dan, u din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba din id-diskrezzjoni. Wara kollox kienet il-Qorti tal-Familja li kellha l-opportunita` li tisma' l-kawza u l-partijiet u allura ladarba ma jirrizultawx estremi biex din il-Qorti tidhol f'dik id-diskrezzjoni m'hijiex se taghmel dan ghaliex anke f'dan il-kaz, il-konvenuta, nonostante d-diversi difetti taghha elenkati mill-appellat, ma ikkomettietx adulterju u lanqas abbandun – anzi kien l-istess attur li jirrizulta li ikkommetta adulterju. Ghalhekk dan l-aggravju se jkun michud.

**It tieni aggravju** huwa li l-ewwel Qorti ma ordnatx li l-attur jigi rifuz nofs is-somma li huwa hareg biex jithallas id-dejn fuq il-fond, iz-Zebbug Ghawdex, li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Fuq din il-kwistjoni il-Qorti normalment taccetta l-argument propost mill-appellant incidentali li ladarba l-hlas sar biex jithallas dejn tal-komunjoni, dak il-hlas (ossija l-parti li kellha thallas il-parti l-ohra) kellha tkun rifuza. Madankollu hemm zewg fatturi li se jwasslu lil din il-Qorti biex ma tilqax dan l-aggravju.

**L-ewwelnett**, huwa car ghall-Qorti li meta l-Qorti tal-Familja tat id-diversi digrieti taghha fir-rigward tal-manteniment *pendente lite*, hija qieset il-fatt li l-attur kien qed ihallas dak l-ammont lill-Bank. Infatti nonostante li huwa kien qed jaqla' ammont notevoli ta' flus mill-impjieg tieghu l-ammont ordnat li jhallas bhala manteniment – ghalkemm sostanzjali hdejn l-ammonti solitament ordnati – kien dejjem pjuttost minimu tenut kont li kien jaqla cirka €800 kuljum (kien jahdem xahar iva u iehor le) meta kien jahdem regolarment fuq ir-*rigs* taz-zejt u sussegwentement huwa ma lmentax aktar wara li eventwalment gie ridott ghal €699 fix xahar ghaliex waqaf jahdem. Allura ma jistax issa jiehu beneficcju ulterjuri.

**Oltre dan**, u forsi aktar legalment rilevanti, anke kieku l-Qorti tasal biex tilqa' t-talba tieghu, hemm nuqqas ta' prova ta' kemm huwa dan l-ammont; jirrizulta biss kemm kien qed ihallas fl-2008 a fol. 1846 tal-process – ma hemmx prova ta' jekk l-ammont thallasx kollu jew jekk dan il-hlas ghadux isir.

**Min jallega jrid jipprova** jew **–"*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat'*** kif jghid l-Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura u kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (**Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim' Awla 31 ta' Mejju 1972 u **Peter Paul Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995).

Ghalhekk anke jekk l-argumenti tal-attur jigu accettati fir-rigward, huwa ma gabx l-ahjar prova tal-'quantum' li qed jitlob allura l-Qorti se tichad dan l-aggravju ukoll.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tiddeciedi l-appell tal-appellanti billi tilqghu biss billi thassar il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti cahdet it-talba ghall-manteniment u tordna lill-attur ihallas manteniment ta' €350 fix-xahar b'effett millum ghall-perjodu ta' sena biss; u tichad il-kumplament u allura tikkonferma wkoll il-bqija tas-sentenza msemmija; tichad ukoll l-appell incidentali intier; l-ispejjez tal-appell principali jithallsu kwantu ghal nofs mill-appellanti u nofs mill-appellat; dawk tal-appell incidentali a kariku tal-attur appellat; l-ispejjez tal-Prim' Istanza kif gia` decizi mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja).

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri | Tonio Mallia | Joseph Azzopardi |
| Prim Imhallef | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur

df

**<u>APPENDICI C, D, U E.</u>**

Kopji ta' Appendici C, D u E li huma parti mis-sentenza deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fil-25 ta' Ottubru 2013, qed jigu hawn annessi biex jiffurmaw parti integrali minn din l-odjerna sentenza.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------